**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**Romina Abela**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 9 ta′ Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Romina Abela** detentrici tal-karta tal-identita′ bin-numru 0256174 (M) billi hija akkuzata talli:

1. Nhar it-13 ta′ Marzu 2018 ghall-habta ta′ 23:50 hrs u fis-sieghat u fil-gurnata ta′ wara, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Furjana u bi bnadi ohra f′dawn il-Gzejjer, b′diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b′rizoluzzjoni wahda, ingurjat, heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta′ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun

ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkortanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallitux jew fixklitu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmiru, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm – il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra.

Il-provi f'dan il-kaz gew debitament registrati u traskritti u għalhekk din il-Qorti mhix sejra toqgħod tirriproduci dak kollu li ngabar fl-atti.

Il-Pulizija strahu biss fuq ix-xiehda viva voce taghhom u l-istqarrija tal-imputata.

Il-Qorti tinnota li kaz bhal dan li allegatament sehh bit-telephone, l-Prosekuzzjoni **<u>naqsu li jesebixxu kopja ta' recording tal-istess telefonata meta dawn it-telefonati fuq is-sistema tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija u l-Emergenza huma kolha rrekordjati.</u>**

Il-Qorti fehmet ic-cirkostanzi marbuta ma' dan il-kaz fejn persuna kienet thossha imbezza' u mhedda fid-dar taghha wara li huwa kien ghadu kif harab mill-isptar Monte Carmeli u cemplet biex titlob l-ghajnuna tal-pulizija.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**L-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> "*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech) vs Joseph Debrincat iben Lawrence u Mary xebba Grech**[1]

> Illi skond kif ighallem il-Maino, l-oltragg ma ghandux jigi konfuz mas-semplici rimostranza. Dottrinalment, it-teorija ta' l-ubbidjenza passiva quddiem l-ghemil abbuziv u prepotenti ta' ufficjal pubbliku hija respinta u ghalhekk ir-reazzjoni spontanea u momentarja da parti tal-persuna koncernata hija ammess, purke l-imputat ma jkun ittrasmoda f'eccessi li ma kienux mehtiega. Certament li l-imputat odjern ma ghamel xejn minn dan. Kull ma ghamel l-imputat hu li rreagixxa ghax deherlu, anke jekk soggettivament, li ohtu kienet vittma ta' diskriminazzjoni. Indipendentement minn jekk fil-fatt dan kien minnu, "*la ragionevole credenza di essere stato vittima di un att arbitrario da parte del pubblico ufficiale scagiona l'imputato di oltraggio*" (Gpa sul Cod. Penale, Ugo Conti, Art. 194, para. 163 ikkwotatat fi "**Pulizija vs Frank Attard**", Appell Kriminali - Imhallef Onor. William Harding, 29 ta' Marzu 1958). Zgur li ma

[1] **Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001**

giex ippruvat mill-proskeuzzjoni li kellu l-*animus iniuriandi*. Kliem bhal "issa naraw" (u anke inpattihielek) ma jfissirx necessarjament li min lissinhom sejjer jikkommetti xi atti llegali konsistenti f'xi vendikazzjoni jew vendetta. Jista' jkun illi jkun sejjer jiehu azzjoni rimedjali skond il-ligi, billi per ezempju jaghmel rapport opportun lill-ufficjali oghla, bhall-Kummissarju tal-Pulizija. U l-kelma trid tittiehed fil-kuntest ta' l-okkazzjoni. Di piu' l-kelma li lissen l-imputat mhix per se wahda ta' theddid, u ghalhekk sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova li ntqalet mill-agent bl-iskop ta' intimidazzjoni (Appell Kriminali "Pulizija **vs Amante Camilleri**" 17 ta' Ottubru 1997 Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano) - haga li l-prosekuzzjoni manifestament naqset li taghmel.[2]

Il-Qorti zammet quddiem ghajnejja dak li tipprovdi l-ligi taghna fejn meta reat *"jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha."* Izda taghmilha cara li l-ebda diskors dispregjattiv li normalment jintuza f'xi argument shun (ghand il-hanut tal-merca u fit-triq), m'ghandu jkun tollerat fil-konfront tal-pulizija li fl-ahhar mill-ahhar qeghdin taghtu servizz lis-socjeta'.

[2] **Appell Nru: 167/00 NA (G)**

Il-Pulizija f'kazijiet bhal dawn ghandha tuza aktar kompassjoni ma' min ikun ghaddej minn problemi familjari specjalment dawk ta' sahha mentali u mhux ikunu qeghdin jisfidaw il-forzi tal-ordni fil-hidma taghhom minhabba qziez jew abbuz.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberha u wara li rat artikolu 338(ee) tal-Kap 9 issib lill-imputata hatja u tikkundanha riprensjoni u ammonizzjoni.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**